


# "PAROLI"

# … fil-klassi.

Hawnhekk qed inressaq ftit suġġerimenti dwar kif il-poeżiji ta' *PAROLI* jistgħu jintużaw fil-klassi. Qabel xejn, nixtieq infakkar li, waqt li dawn il-poeżiji jistgħu jintużaw bħala l-punt tat-tluq għal diskussjoni usa' jew attivitajiet konnessi magħhom, m'għandna qatt indawru l-lezzjoni tal-poeżija f'waħda ta' grammatika, studji soċjali, vokabularju eċċ. Dan kollu jeħtieġ li jsir b'mod mill-aktar indirett.

L-għan ewlieni ta' dawn il-poeżiji huwa li *jagħtu gost* lit-tfal u li jgħinhuhom jiżviluppaw il-kreattività tagħhom. Tajjeb li dan inżommuh dejjem f'moħħna waqt il-lezzjonijiet tal-poeżija. Għalhekk, kull attività marbuta mal-poeżija, għandha tkun waħda ta' logħob u ta' pjaċir. Ħaġa tajba wkoll hija li ninkoraġġixxu lit-tfal jiktbu poeżiji huma stess (imqar ftit versi biss), ispirati minn dak li jkunu qraw.

❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖

1 Ħafna minn dawn il-poeżiji jenfasizzaw l-avventura tal-kelma, jiġifieri kif nistgħu nilagħbu bil-kliem u nisfruttaw il-ħoss u l-istruttura tal-kelma.

*Spiru Spiteri (p.27),* toffri logħba bi kliem li jibda bl-ittri "sp" . Tista' tħajjar lit-tfal isibu kliem li jibda b'ittri partikolari … ngħidu aħna "gr" (grampun, granċ, grillu, grottlu, Grezzju, Grima, Grech, Grixti, grandenza, grokk, griżma, griż, grif, gravi,

grejvi, grotta, grazzja, grazzi … eċċ). Għidilhom jiktbu sentenza li fiha jdaħħlu kemm jistgħu minn dan il-kliem. Importanti li s-sentenza tkun tad-daħk u redikola.

*Eż: Grezzju Grixt ħa grokk grappa minħabba l-grif tal-grottlu li girfu fil-grotta l-griża tal-Greċja.*

------------------------------

Fil-poeżija *Spjun Spanjol (p.20 ),* qed inpoġġu l-ittra "k" minflok l-ittra "p". Ippruvaw agħmlu logħba billi tissostitwixxu ċerti ittri.
Ngħidu aħna kull fejn hemm is-"s" naghmluh "ċ" u b'hekk niffurmaw sentenzi tad-daħk.

*Eż: Meta tiĊpiċċa l-iĊkola Ċe nĊiefru Ċa Ċpanja.*

jew "b" minflok il- "v" --- *Il-Bażett il-Bjola għandu kulur Berament BiBaċi.*

jew "p" minflok il- "f" --- *Il-ParPett tar Perħan Puq il-Pjuri s-soPor.*

Dan l-eżerċizzju jista' jsir bil-maqlub, jiġifieri l-ewwel tagħtihom sentenza bħal: *Il-ParPett tar Perħan Puq il-Pjuri s-soPor,* u t-tfal iridu jsibu liema hi l-konsonanti mibdula.

------------------------------

Il-poeżija *Ħabsi Sabiħ (p.3)* toffri sensiela ta' anagrammi. Ħajjar lit-tfal isibu anagrammi ħfief li jkollhom biss 3 jew 4 ittri.

*Eż: arma = mara / rama; mar = ram; ġera = reġa'; int = tin;*
*arti = tari / rati; art = tar /rat; baħri = irbaħ / ibħra; insa = nisa; rasu = saru*

------------------------------

Il-kliem tal-poeżija *Versu l-Versi (p.29)* isegwi l-istruttura KvKKv. F'kull vers hemm żewġ kelmiet li għandhom l-istess konsonanti, iżda bil-vokali mibdulin. Hawn ukoll tista' turi lit-tfal li hemm każi fejn bil-bdil fil-vokali nistgħu noħolqu kliem ġdid.

*Eż: raġel = riġel; mara = mira / mera; tifel = tafal; par = pur;*
*pett = patt; ħass = ħoss; pipa = pupa / papa / pipì …*

------------------------------

Il-poeżija *Kliem bil-Maqlub (p.43)*, kif jixhed isimha, tippreżenta kliem li meta taqrah minn wara, jinbidel f'kelma differenti (kif ukoll ftit kliem li minn wara u minn quddiem jibqa' l-istess.) Ma tantx hu faċli li t-tfal isibu aktar kliem bħal dan, imma din tista' tgħaqqadha ma' lezzjoni ta' l-Arti meta t-tfal ipinġu (jew iqasqsu) stampi *mirror image.*



-------------------------------

2 Importanti li t-tfal jisimgħu l-poeżija tingħad b'vuċi għolja u nħeġġuhom jaqrawha b'leħen għoli huma wkoll. Xi wħud minn dawn il-poeżiji jistrieħu fuq il-melodija tal-kelma, fuq *tongue twisters* jew ħsejjes mhux tas-soltu (eż *Ftit Frott Frisk - p.19)* F'dawn il-każi, il-qari b'vuċi għolja huwa importantissmu. Tista' tqassam lit-tfal biex jaqraw fi gruppi – grupp iwieġeb lill-ieħor. Tista' wkoll turihom kif iċapċpu jew iħabbtu mar-ritmu. Mat-tfal iż-żgħar, tista' tuża xi strumenti tal-perkussjoni biex bihom jaċċentwaw ir-ritmu.

-------------------------------

3 Il-poeżiji *Il-Bandiera (p.9), Jiena (p.)* u *Jista'?( p.8)* huma tip ta' *altar poems* li fihom il-kliem jifforma stampa marbuta mal-kontenut. Hawn ukoll tista' tħajjar lit-tfal jesperimentaw b'din it-teknika.

*Eż: Poeżija dwar is-siġar li l-kliem tagħha jifforma siġra; jew waħda dwar il-kwiekeb miktuba forma ta' stilla … eċċ*

ta'
kull lejl
nosservaha
fis-smewwwiet
dejjem tiddi u tteptep u tħares fiss lejja
qisha trid tkellimni bil-moħbi
u tgħidli stejjer sbieħ
dwar l-anġli ħelwin
li jgħixu mbegħdin
u jiġu ta' kull flgħaxija
jixegħlu l-fanali
'il fuq 'il fuq
req- din

-------------------------------

4 *PAROLI* jinkludi wkoll poeżiji *non-sense… (Ir-Razzett ta' Skronċ - p.30 ; Kilt it-Toqob ta' ġol-Ġobon - p.42 ; Il-Brimba l-Vjola - p.5;* u *Intilef - p.20 )* Dawn jixegħlu l-immaġinazzjoni tat-tfal u jgħinuhom jaħsbu fuq binarju alternattiv. Bħala *follow-up* tal-poeżija nistgħu ngħidu lit-tfal jiffurmaw sentenzi jew frażijiet *non-sense.*

*Eż:*

*Ġrejt ġirja bit-tlikki tlikki.*
*Il-bieraħ tlajt ġol-bir.*
*Naddaft bit-trab u l-ħamrija.*

-------------------------------

5 Fil-poeżiji *X'Mard (p.38) u Il-Ħall (p.16),* hemm ċajta bl-idjomi u l-vokabularju. Waqt li dawn jistgħu jgħinu lit-tfal iwessgħu l-għarfien tagħhom tal-lingwa, xorta waħda m'għandniex nibdlu l-lezzjoni tal-poeżija f'waħda teknika. Inħallu t-tfal jieħdu gost biċ-ċajta fil-poeżija, waqt li t-tagħlim jeħduh b'mod indirett.

-------------------------------

6 Aktar logħob bil-kliem insibuh fil-poeżiji *Ħawwilt Ġellewża (p.22), Adam u Eva (p.23) u Kliem Ġdid (p.40)*. X'aktarx it-tfal jieħdu gost jippruvaw jiffurmaw kliem magħmul minn partijiet meħudin minn kelmiet oħra.

*Eż:* *KArta + faXXA = KAXXA;*
*PINZetta + martELL = PINZELL;*
*BANKetta + perlINA = BANKINA.*

-------------------------------

7 Il-poeżija *Minn Isfel Għal Fuq (p.41)* hija interessanti għax tista' toffri logħba bil-punteġġjatura (dejjem indirettament). Tajjeb nuru lit-tfal li meta l-poeżija naqrawha minn isfel għal fuq, biex tagħmel sens, irridu nieqfu (qisna qed nagħmlu koma jew fulstop) wara ċerti frażijiet. Hawnhekk qed nagħtikom il-poeżija (forma ta' sentenzi) kif għandha tinstema' meta tinqara minn fuq, u meta tinqara minn isfel.

*Minn fuq għal isfel:*
*Ħajjitna sabiħa: tilgħin u niżlin, nittajru, naqbżu, u noqomsu dejjem. Ħadd ma jista' għalina. Noħorġu bil-lejl. Arana: ma nħallu lil ħadd bi kwietu, rieqed mistrieħ. Niġġerrew ikollna bil-fors. Nieklu u nixorbu bl-istro ġo ħalqna. Hekk hi l-ħajja tan-nemus.*

*Minn isfel għal fuq:*
*Tan-nemus il-ħajja hi hekk: ġo ħalqna bl-istro nixorbu u nieklu. Bil-fors ikollna niġġerrew. Mistrieħ rieqed bi kwietu, lil ħadd ma nħallu. Arana bil-lejl noħorġu. Għalina ma jista' ħadd. Dejjem noqomsu, naqbżu, nittajru, niżlin, u tilgħin. Sabiħa ħajjitna.*

Osserva wkoll li l-poeżija qed tagħmel l-istess kif tagħmel in-nemusa: titla' u tinżel.

❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖

## Jekk it-Tfal Ikunu Kemxejn Kbar …

Jekk xi wħud minn dawn il-poeżiji se tagħmilhom ma' tfal kemxejn kbar (ngħidu aħna tfal tal-Year 6), wara li t-tfal ikunu ħadu gost bil-poeżija (kif spjegajna fl-introduzzjoni), tista' tgħaddi għal diskussjoni ispirata mill-poeżija.

*Eż:*

Minn *Radju Paroli (p.33-35)* nistgħu noħorġu kumment dwar dawk in-nies li l-ħin kollu jċemplu biex jitkellmu fuq l-istazzjonijiet tar-radju, bla ma jkunu jafu x'qed jiġi diskuss, jew li m'għandhom l-ebda etika huma u jitkellmu, jew li jgħidu ħafna kliem vojt u bla sens.

*Kieku x-Xita…( p.44)* nistgħu norbtuha maċ-ċajta ta' dak li deherlu li n-natura kienet miġnuna meta fasslet li siġra kbira bħall-balluta tagħmel frotta ċkejkna (il-ġandra), waqt li x-xitla ċkejkna tal-qara' aħmra tagħmel frotta daqsiex. Iżda malajr bidel fehemtu meta waqgħet ġandra fuq rasu. In-natura, anki meta tidher stramba u inġusta, dejjem ikollha skop.

*Il-Farfett il-Lejl (p.17).* Tgħid min jinsab rasu 'l isfel? Il-farfett il-lejl jew xi wħud min-nies tad-dinja li jagħmlu kollox bil-maqlub?

*Mhemmx Għalfejn (p.36)* Minkejja li llum, it-teknoloġija tħaffilna xogħlna, u kollox tagħmlilna f'tebqa t'għajn, l-aktar ħwejjeġ importanti jridu jieħdu żmienhom biex isiru sew, u

aħna jrid ikollna s-sabar nistennewhom.  (Eż: frotta fis-siġra --  tarbija fil-ġuf -- biex it-tfal jitilqu jimxu, jibdew jitkellmu u jiżviluppaw … dawn kollha jridu jimxu bil-pass tagħhom).

*Qatt ma Raw (p.37)* Nistgħu nitkellmu dwar il-valur ta' l-ambjent; kemm hu meħtieġ li nkunu konxji  minnu, u kemm niżbaljaw meta nagħżlu l-artifiċjali minflok l-awtentiku.

*Storja ta' Kelb (p.21)* Hawhekk għandna opportunità nitkellmu dwar l-importanza tal-qari; mhux il-qari ta' textbooks li jinqraw *bilfors,* imma l-qari li jsir għall-gost.

❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖❖